**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 20 ta' Gunju 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**LEONARD SEISUN**
**HELEN AGIUS**

Kump Nru 1043/2012

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati **Leonard Seisun**, detentur tal-karta tal-identita numru 454385M, u lil **Helen Agius** detentrici tal-karta tal-identita numru 432178M, gew akkuzati talli:

**Lil Leonard Seisun wahdu**

1. Nhar il-21 t'Awwissu 2012 ghall-habta tas-14:30 u fil-granet ta' qabel gewwa Misrah Turu Colombo, Gzira ikkommettjet serq ta' materjal tal-aluminium kif ukoll ta' diversi oggetti ohra ghad-dannu tal-kumpanija Golden Harvest (Joseph Aquilina ID no. 306864M); liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi s-somma ta' elfejn, tlett mija u disa u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37)

2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi rendejt ruhek recidivist skond sentenzi moghtija lilek, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan bi ksur tal-Art.289 tal-Kodici Kriminali

**Lil Helen Agius wahedha**

1. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi kont komplici fis-serqa flimkien ma' Leonard Seisun billi; tajtu armi, ghodod jew mezzi ohra li kienu gew uzati fl-eghmil tad-delitt u cioe il-vettura tal-ghamla Mitsubishi bin-nurmru ta' registrazzjoni DNL 137 meta kont taf li kellu hekk jigu uzat, jew b' xi mod li jkun, xjentement, ghent jew assistejt lill-awtur li bih id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess 20 ta' Gunju 2017;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputati fl-udjenza ta` llum stess anki wara li inghataw z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidraw tali ammissjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ufficjal prosekutur kif wkoll tad-difiza, in tema ta' sanzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputati irregistraw ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrijiet tal-imputati, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarahom hatja taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali tal-imputati;
b. l-ammissjoni ta` l-imputati, fattur li ghalkemm ma jatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f'dan il-kaz din il-Qorti qed taghtieh piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza;
c. il-parametri u l-perspettiva reali tal-fatti kif graw, li johorgu mill-istqarrijiet ta` l-imputati;

d. il-fatt pezanti illi fl-udjenza ta` llum stess l-imputati hallsu kull wiehed is-somma ta` €250 lid-derubati bhala kumpens ghal ghemilhom f'dan il-kaz;

Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li ghandha f'mohha – u fl-opinjoni taghha - sanzjoni ekwa u gusta. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattru tal-hatja, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Decide**.

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 42(c)(d), 261(b)(c), 263, 267, 278, 279, 280 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati **Leonard Seisun u Helen Agius** hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra taghhom u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lit-tnejn li huma bil-kondizzjoni li ma jaghmlu ebda reat matul il-perjodu ta` tmintax-il (18) xahar mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lill-hatja fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huma jaghmlu xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-procediment u kopja ta' din is-Sentenza jintbaghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur